

Brussell, 5 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

13832/23
ADD 1

TRANS 397
CLIMA 445
ENV 1083
SAN 567
IND 512
STATIS 62

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	4 ta' Ottubru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 566 final ANNEX
Suġġett:	ANNEX tal-KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠĠJUNI Li tipproponi Dikjarazzjoni Ewropea dwar iċ-Ċikliżmu

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 566 final ANNEX.

Mehmuż: COM(2023) 566 final ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.10.2023
COM(2023) 566 final

ANNEX

ANNEX

tal-

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Li tipproponi Dikjarazzjoni Ewropea dwar iċ-Ċikliżmu

Dikjarazzjoni Ewropea dwar iċ-Ċikliżmu

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea jipproklamaw b'mod solenni d-Dikjarazzjoni konġunta li ġejja dwar iċ-Ċikliżmu

Preambolu

Billi:

- (1) It-trasport huwa kruċjali għall-inklużjoni soċjali u għall-iżvilupp ekonomiku, u għall-ħolqien tal-impjiegi u għall-promozzjoni tal-aċċess għal servizzi essenzjali oħra, bħall-impjiegi, l-edukazzjoni, is-saħħa u l-kura. Madankollu, dan għadu sors sinifikanti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, ta' tniġġis tal-arja, tal-istorbju u tal-ilma. Il-konġestjoni tibqa' sfida serja għall-effiċjenza tas-sistemi tat-trasport u tnaqqas ukoll il-kapaċità ta' għajxien taż-żoni affettwati, b'kost konsiderevoli għas-soċjetà u għall-ekonomija.
- (2) Il-forom sostenibbli ta' trasport huma essenzjali biex jintlaħqu l-oġettivi tal-UE dwar il-klima, it-tniġġis zero u l-effiċjenza enerġetika. Fost dawn, iċ-ċikliżmu huwa wieħed mill-aktar sostenibbli, tajjeb għas-saħħa u effiċjenti, b'potenzjal konsiderevoli biex jappoġġa d-dekarbonizzazzjoni tat-trasport urban u jgħin biex tintlaħaq il-mira madwar l-UE li jitnaqqsu l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'mill-inqas 55 % sal-2030 meta mqabbla mal-1990 u n-newtralità klimatika sal-2050 f'konformità mal-Liġi Ewropea dwar il-Klima¹. Dan se jgħinna wkoll nimxu 'l quddiem lejn ambizzjoni ta' tniġġis zero², b'bosta benefiċċji konġunti f'oqsma oħra. L-importanza li iċ-ċikliżmu jiġi żviluppata ulterjorment hija partikolarment kruċjali għall-bliet u l-irħula Ewropej bħala parti mill-oġettivi klimatiċi tagħna.
- (3) Iċ-ċikliżmu jinkludi firxa wiesgħa u dinamika ta' vetturi tat-triq li jitħaddmu mill-bniedem, inklużi roti għal diversi terreni, roti għall-ġarr, roti għat-trasport tat-tfal, roti għall-persuni b'diżabilità, trikes, roti mimdudin, velomobiles, tandems, roti elettriċi, pedelecs tal-veloċità u trejlers tar-roti. Dawn jipprovdu għal firxa wiesgħa ta' ħtiġijiet tat-trasport u tal-mobbiltà u jirrikjedu infrastruttura xierqa. Iċ-ċikliżmu qed jaqdi rwol dejjem aktar importanti fit-trasport urban tal-merkanzija, b'mod partikolari l-kunsinni tal-pakketti u x-xiri, bis-saħħa tar-roti għall-ġarr u roti simili. Sabiex jintlaħaq il-potenzjal sħiħ ta' iċ-ċikliżmu, il-politiki dwar iċ-ċikliżmu għandhom jirriflettu din id-diversità.
- (4) Sabiex jilħaq il-potenzjal sħiħ tiegħu, iċ-ċikliżmu jeħtieġ li jiġi indirizzat kif xieraq fil-politiki dwar il-mobbiltà urbana fil-livelli kollha ta' governanza u finanzjament, fl-ippjanar tat-trasport, fis-sensibilizzazzjoni, fl-allokazzjoni tal-ispazju, fir-regolamenti dwar is-sikurezza u fl-infrastruttura adegwata, inkluża enfasi speċjali fuq persuni b'diżabilità jew b'mobbiltà mnaqqsa. Pereżempju, il-kunċett tal-UE għall-ippjanar tal-mobbiltà urbana sostenibbli³ jpoġġi l-mobbiltà attiva, inkluż iċ-ċikliżmu, fiċ-ċentru. Jeħtieġ li jiġu rrapportati miżuri li jappoġġaw iċ-ċikliżmu fl-ambitu tal-pilastru tad-

¹ [Ir-Regolament \(UE\) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti \(KE\) Nru 401/2009 u \(UE\) 2018/1999 \("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima"\)](#)

COM(2020) 789.

² It-tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali (id-Deċiżjoni (UE) 2022/591) jitolb lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, lill-awtoritajiet reġjonali u lokali u lill-partijiet ikkonċernati, kif xieraq, biex isaħħu l-inċentivi ambjentali pożittivi u biex jeliminaw gradwalment is-sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent, b'mod partikolari s-sussidji fossili, fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali u lokali.

³ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/550 tat-8 ta' Marzu 2023 dwar Programmi Nazzjonali ta' Appoġġ għall-Ippjanar ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli.

dekarbonizzazzjoni tal-Pjanijiet nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima u li jiġu kkunsidrati kif xieraq fil-pjanijiet tal-missjoni Orizzont Ewropa dwar 100 Belt Newtrali għall-Klima u Intelliġenti sal-2030.

- (5) Iċ-ċikliżmu jtejjeb l-inklużività soċjali, u jikkontribwixxi għas-saħħa u l-benesseri fiżiċi u mentali tan-nies. Dan huwa attività fiżika moderata li tnaqqas ir-riskji għas-saħħa u l-imwiet prematuri marbuta ma' stili ta' ħajja sedentarji. Ir-roti b'assistenza elettrika (roti elettriċi, pedelecs tal-veloċità) qed isiru dejjem aktar popolari u jippermettu lin-nies ikopru distanzi itwal, jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' mobbiltà u trasport tal-familji, tal-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju (SMEs), u jilhqnu gruppi addizzjonali, bħal persuni akbar fl-età u persuni b'diżabilità jew b'mobbiltà mnaqqsa.
- (6) Hemm bżonn ta' aktar infrastruttura taċ-ċikliżmu sikura u aħjar madwar l-UE biex jiġu attirati aktar nies lejn iċ-ċikliżmu, ġewwa ż-żoni urbani u rurali u bejniethom. Infrastruttura aħjar taċ-ċikliżmu se tkun ta' benefiċċju wkoll għal mezzi oħra, bħal soluzzjonijiet ta' mikromobbiltà.
- (7) Huwa meħtieġ finanzjament iddedikat għaċ-ċikliżmu – fil-livelli lokali, nazzjonali u Ewropej – biex tintlaħaq l-ambizzjoni li jkun hemm aktar nies jsuqu r-rota. Livell xieraq ta' investiment huwa prerekwiżit għat-titjib sinifikanti tal-kundizzjonijiet taċ-ċikliżmu u għall-manutenzjoni tal-infrastruttura.
- (8) Is-sikurezza hija prerekwiżit biex in-nies jiġu mħeġġa jivvjaġġaw bir-rota, speċjalment dawk il-gruppi li jaf għadhom iżommu lura milli jagħmlu dan, inklużi ħafna nisa, tfal u persuni akbar fl-età. Minbarra infrastruttura aktar sikura bħal mogħdijiet separati għaċ-ċiklisti u parkeġġ sikur, l-elementi kollha tal-approċċ tas-Sistema Sikura jeħtieġ li jiġu applikati kemm għaċ-ċikliżmu kif ukoll għall-vetturi bil-mutur u għas-sewwieqa li jikkondividu t-triq maċ-ċiklisti. Dan jinkludi veloċitajiet sikuri, użu sikur fit-toroq u vetturi sikuri, sostnuti mill-infurzar qawwi tar-regoli tat-traffiku fit-toroq. L-iżvilupp ta' standards għal korsiji għaċ-ċikliżmu jżid is-sikurezza integrata fid-disinn għal infrastruttura ġdida taċ-ċikliżmu. It-taħriġ u l-edukazzjoni, bħal fl-iskejjel, jistgħu jgħinu fil-promozzjoni taċ-ċikliżmu sikur.
- (9) L-industrija Ewropea taċ-ċikliżmu hija innovatur u mexxej globali kif ukoll settur importanti u li qed jikber tal-ekonomija. Bħalissa din tirrappreżenta aktar minn 1 000 SME⁴ u tirrappreżenta miljun impjeg, b'potenzjal għal ħafna aktar.
- (10) Iċ-ċikliżmu huwa wkoll faċilitatur ewlieni tat-turiżmu sostenibbli u jikkontribwixxi għall-konnettività fiż-żoni rurali u urbani u bejniethom, speċjalment flimkien ma' ferroviji, xarabanks u modi oħra biex jinħolqu servizzi ta' mobbiltà multimodali. Dan iġib benefiċċji tanġibbli għall-ekonomija lokali, b'mod partikolari għall-SMEs.
- (11) Id-*data* dwar iċ-ċikliżmu ma tinġabarx b'mod konsistenti fl-UE. Dan jaffettwa l-aħjar għażla tal-investimenti fit-trasport u l-evalwazzjoni tal-effettività tal-miżuri li diġà ttieħdu.
- (12) Il-prinċipji inklużi f'din id-Dikjarazzjoni huma mistennija jgħinu biex jintlaħqu l-miri klimatiċi u ambjentali tal-UE, inkluż b'mod partikolari l-Pjan ta' Azzjoni għal Tniġġis

⁴ B'mod partikolari s-servizz taċ-ċikliżmu u t-tiswija, il-bejjieġha bl-imnut eċċ.

Żero⁵ u l-oġġettivi l-oħra tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti⁶, u l-Qafas il-Ġdid tal-UE għall-Mobbiltà Urbana⁷.

- (13) Fi Frar 2023, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar l-iżvilupp ta' strateġija tal-UE favur l-użu tar-roti⁸. Fl-2022, sitt Stati Membri tal-UE ħejjew Dikjarazzjoni Ewropea dwar iċ-Ċikliżmu, li s'issa ġiet iffirmata mill-maġġoranza tal-Istati Membri⁹.
- (14) Il-promozzjoni u l-implimentazzjoni tal-prinċipji inklużi f'din id-Dikjarazzjoni huma impenn politiku tal-Unjoni. L-Unjoni hija responsabbli biex timplimenta din id-Dikjarazzjoni f'kooperazzjoni mal-Istati Membri tagħha, f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom u f'konformità sħiħa mad-dritt tal-Unjoni.

Dikjarazzjoni dwar iċ-Ċikliżmu

Aħna għandna l-għan li nisfruttaw il-potenzjal sħiħ taċ-ċikliżmu fl-UE. Din id-Dikjarazzjoni tirrikonoxxi ċ-ċikliżmu bħala wieħed mill-aktar forom sostenibbli, aċċessibbli u inklużivi, b'kost baxx u tajjeb għas-saħħa ta' trasport u rikreazzjoni, u l-importanza ewlenija tiegħu għas-soċjetà Ewropea u għall-ekonomija. Id-Dikjarazzjoni għandha sservi bħala boxxla strateġika għall-politiki u l-inizjattivi eżistenti u futuri relatati maċ-ċikliżmu.

Għalhekk niddikjaraw li:

Il-Kapitolu I: L-iżvilupp u t-tisħiħ tal-politiki dwar iċ-ċikliżmu

L-UE u l-Istati Membri tagħha, flimkien mal-awtoritajiet reġjonali u lokali, kollha għandhom rwol ewleni x'jaqdu fl-appoġġ tal-użu ulterjuri taċ-ċikliżmu.

Nimpenjaw ruħna biex:

1. niżviluppaw, nadottaw u nsaħħu l-politiki u l-istrateġiji dwar iċ-ċikliżmu fil-livelli rilevanti kollha ta' governanza;
2. nieħdu l-miżuri meħtieġa biex nimplimentaw dawn il-politiki u l-istrateġiji dwar iċ-ċikliżmu malajr kemm jista' jkun;
3. nagħtu prijorità lill-miżuri taċ-ċikliżmu fl-ippjanar sostenibbli tal-mobbiltà urbana inkluża ż-żona usa' tal-ivvjaġġar lejn ix-xogħol u lura lil hinn mill-fruntieri muniċipali;
4. inħeġġu lill-kumpaniji, lill-organizzazzjonijiet u lill-istituzzjonijiet jippromwovu ċ-ċikliżmu permezz ta' skemi ta' ġestjoni tal-mobbiltà bħal inċentivi biex wieħed imur għax-xogħol bir-rota, il-forniment ta' roti elettriċi tal-kumpanija, parkeġġ u faċilitajiet adegwati tar-roti, u l-użu ta' servizzi ta' konsenji bbażati fuq ir-roti;
5. nippromwovu ċ-ċikliżmu bħala mod ta' trasport jew rikreazzjoni tajjeb għas-saħħa, permezz ta' sensibilizzazzjoni, kampanji ta' promozzjoni, il-bini tal-kapaċitajiet u t-taħriġ ta' professjonisti attivi fil-mobbiltà, inkluż f'fora internazzjonali rilevanti.

Kapitolu II: L-inkoraġġiment ta' mobbiltà inklużiva, affordabbli u tajba għas-saħħa

⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija", <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52021DC0400&qid=1623311742827>

⁶ COM(2020) 789.

⁷ COM(2021) 811.

⁸ https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2023-0058_MT.html

⁹ <https://www.benelux.int/fr/publication/european-cycling-declaration/>

Kull persuna, inklużi l-persuni b'diżabilità jew dawk b'mobilità mnaqqsa u irrISPETTIVAMENT mill-età u mill-ġeneru għandu jkollha aċċess għall-mobbiltà, u ċ-ċikliżmu jista' jagħti kontribut kbir biex dan ikun jista' jsir. Iċ-ċikliżmu għandu jkun affordabbli wkoll irrISPETTIVAMENT mil-livell ta' introjtu u promoss bħala ta' benefiċċju għas-saħħa mentali u fiżika.

Nimpenjaw ruġna biex:

6. inżidu l-użu taċ-ċikliżmu ħalli tiġi promossa l-inklużjoni soċjali billi tingħata attenzjoni partikolari lill-ħtiġijiet tan-nisa, tat-tfal, tal-anzjani u tal-gruppi vulnerabbli u emarġinati;
7. nieħdu miżuri maħsuba biex jippermettu aċċess aħjar għaċ-ċikliżmu għal persuni b'diżabilità jew dawk b'mobilità mnaqqsa;
8. nieħdu miżuri maħsuba biex jagħtu spinta lill-mobbiltà attiva tal-anzjani u b'hekk jingħata kontribut għat-tixjiħ attiv;
9. nipprovdut taħriġ immirat dwar iċ-ċikliżmu b'mod partikolari għat-tfal u għal gruppi vulnerabbli u emarġinati;
10. nieħdu nota tal-possibbiltà li l-Istati Membri japplikaw rati mnaqqsa tal-VAT għall-provvista, il-kiri u t-tiswija tar-roti u tar-roti elettriċi kif introdotti mid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2022/542¹⁰ sabiex tiżdied l-affordabbiltà.

Kapitolu III: Il-ħolqien ta' infrastruttura taċ-ċikliżmu akbar u aħjar

It-titjib tal-kwalità, tal-kwantità, tal-kontinwità u tal-attraenza tal-infrastruttura taċ-ċikliżmu huwa essenzjali biex jiġi promoss użu akbar taċ-ċikliżmu.

Nimpenjaw ruġna biex:

11. inżidu b'mod sinifikanti l-infrastruttura taċ-ċikliżmu sikura u koerenti madwar l-Ewropa;
12. niżviluppaw u nużaw gwida tal-UE dwar l-istandards għar-rekwiżiti tal-kwalità fir-rigward tal-utenti vulnerabbli tat-triq, inklużi ċ-ċiklisti, skont id-Direttiva (UE) 2019/1936 dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq¹¹;
13. nagħtu biżżejjed spazju liċ-ċiklisti u lil utenti vulnerabbli oħra tat-triq biex iżidu l-livelli ta' sikurezza, b'mod partikolari permezz tas-separazzjoni fiżika tal-mogħdijiet għaċ-ċiklisti mit-traffiku motorizzat kull fejn ikun fattibbli;
14. naħdmu lejn il-ħolqien ta' network koerenti taċ-ċikliżmu fil-bliet u ntejbu l-konnettività bejn iż-żoni suburbani u rurali u ċ-ċentri tal-bliet, inklużi l-awtostradi għaċ-ċiklisti;
15. niżguraw il-forniment ta' spazji sikuri u siguri għall-parkeġġ tar-roti f'żoni urbani u rurali, inkluż fl-istazzjonijiet ferrovjarji u tax-xarabanks u fiċ-ċentri tal-mobbiltà;
16. nappoġġaw l-użu ta' punti tal-iċċarġjar għar-roti elettriċi fl-ippjanar urban u fl-ispazji tal-parkeġġ tar-roti ġewwa u barra l-bini.

Kapitolu IV: Iż-żieda fl-investimenti u l-ħolqien ta' kundizzjonijiet favorevoli għaċ-ċikliżmu

¹⁰ Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2022/542 tal-5 ta' April 2022 li temenda d-Direttivi 2006/112/KE u (UE) 2020/285 fir-rigward tar-rati tat-taxxa fuq il-valur miżjud, ĠU L 107, 6.4.2022, pp. 1–12.

¹¹ Id-Direttiva 2019/1936 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 li temenda d-Direttiva 2008/96/KE dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq, ĠU L 305, 26.11.2019, pp. 1–16.

Hemm bżonn ta' aktar investimenti biex jiġi sfruttat il-potenzjal għaċ-ċikliżmu.

Nimpenjaw ruġna biex:

17. nipprovdu appoġġ tekniku, finanzjament u finanzi biex ngħinu jiġu żviluppati u implimentati strateġiji taċ-ċikliżmu u investimenti relatati maċ-ċikliżmu; dan jinkludi l-użu tal-istrumenti disponibbli tal-UE, b'mod partikolari l-Fond Soċjali għall-Klima, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku¹², u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex nappoġġaw miżuri ta' ċikliżmu;
18. nirriflettu ċ-ċikliżmu fl-investimenti fil-livelli kollha ta' governanza¹³;

Il-Kapitolu V: It-titjib tas-sikurezza u tas-sigurtà tat-toroq

Kulħadd għandu jkun jista' jsuq ir-rota b'mod sikur u sigur.

Nimpenjaw ruġna biex:

19. naħdmu ħalli nagħmlu l-Viżjoni Żero¹⁴ (l-ebda mewta fit-toroq sal-2050) realtà, inkluż għall-utenti vulnerabbli tat-triq, filwaqt li nilħqu mira interim ta' tnaqqis ta' 50 % fil-fatalitajiet u fil-korrimenti serji sal-2030 f'konformità mad-Dikjarazzjoni tal-Belt Valletta¹⁵;
20. ninfurzaw ir-regoli u l-leġiżlazzjoni dwar is-sikurezza fit-toroq biex tiġi żgurata l-koeżistenza ta' mezzi differenti tat-trasport, b'enfasi fuq il-protezzjoni taċ-ċiklisti u ta' utenti vulnerabbli oħra tat-triq;
21. niżguraw li r-regoli dwar ir-rekwiżiti tas-sikurezza applikabbli għar-roti elettriċi jkunu sostanzjali, u nippromwovu l-użu tagħhom;
22. intejbu s-sigurtà fl-ispazji pubbliċi tal-parkeġġ tar-roti (inkluż il-kondiviżjoni tar-roti u ċ-ċentri multimodali), u nżidu l-isforzi biex nindirizzaw il-kwistjoni tas-serq tar-roti;
23. insaħħu t-taħriġ taċ-ċiklisti – inkluż li ngħallmu lit-tfal u liż-żgħażaġħ kif għandhom isuqu r-rota – u nqajmu sensibilizzazzjoni dwar is-sikurezza fit-toroq, b'mod partikolari dwar l-akbar riskji għaċ-ċiklisti, u nappoġġaw l-użu sikur tar-roti u tar-roti elettriċi, kif ukoll nindirizzaw l-għarfien dwar is-sikurezza tal-utenti vulnerabbli tat-triq matul it-taħriġ tas-sewwieqa.

Kapitolu VI: L-appoġġ għal impjiegi ekoloġiċi ta' kwalità u l-iżvilupp ta' industrija Ewropea taċ-ċikliżmu ta' klassi dinjija

Użu akbar taċ-ċikliżmu jfisser aktar impjiegi lokali ta' kwalità għolja u huwa ta' benefiċċju għall-ekonomija tal-UE u għall-industrija taċ-ċikliżmu, u jikkontribwixxi wkoll għall-oġġettivi tal-istrateġija industrijali tal-UE.

¹² Ir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi Strument ta' Appoġġ Tekniku - [EUR-Lex - 32021R0240 - EN - EUR-Lex \(europa.eu\)](https://eur-lex.europa.eu/lexuris/ui/doi/uri/32021R0240)

¹³ Inkluż għall-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima (introdotti bir-Regolament (UE) 2018/1999 dwar il-governanza tal-unjoni tal-enerġija u l-azzjoni klimatika)

¹⁴ https://road-safety.transport.ec.europa.eu/index_en

¹⁵ <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-9994-2017-INIT/mt/pdf>

Nimpenjaw ruĥna biex:

24. noħolqu kundizzjonijiet ĥalli tiżdied il-produzzjoni Ewropea ta' firxa wiesgħa ta' roti (inklużi r-roti elettriċi, il-pedelecs tal-veloċità, u r-roti għall-persuni b'diżabilità) u l-komponenti tagħhom, inkluż l-aċċess għall-materjali, għat-tagħmir u ż-żamma ta' kundizzjonijiet ekwi globali permezz ta' strumenti eżistenti tal-UE għad-difiża tal-kummerċ;
25. nappoġġaw is-settur tas-servizzi tar-roti, inklużi l-entitajiet tal-ekonomija soċjali u l-użu ċirkolari tar-roti (l-użu mill-ġdid, it-tiswija u l-kiri);
26. noħolqu kundizzjonijiet favorevoli biex jiġu stimulati impjiegi ta' kwalità għolja u raggruppamenti taċ-ċikliżmu, inkluż fit-turiżmu taċ-ċikliżmu, sabiex jiżdied b'mod sinifikanti l-għadd ta' impjiegi ta' kwalità relatati maċ-ċikliżmu, jiġu appoġġati l-SMEs u tingħata spinta lill-ħiliet rilevanti u lit-taħriġ vokazzjonali;
27. nagħmlu s-settur aktar attraenti u nippermettu li jsiru tranżizzjonijiet importanti minn impjieg għal ieħor minn industriji rilevanti oħra;
28. nirrikonoxxu l-industrija Ewropea taċ-ċikliżmu bħala sieħeb fis-sistema tal-mobbiltà sabiex jissaħħu r-reżiljenza, is-sostenibbiltà, iċ-ċirkolarità u d-diġitalizzazzjoni fis-settur taċ-ċikliżmu;
29. nappoġġaw l-industriji tas-servizzi taċ-ċikliżmu, bħall-kondiviżjoni tar-roti u l-loġistika li tipprevedi l-użu tar-roti, speċjalment fl-iblet, inkluż billi tissaħħaħ l-integrazzjoni tal-loġistika taċ-ċikli fis-sistema loġistika.

Kapitolu VII: L-appoġġ għall-multimodalità u għat-turiżmu taċ-ċikliżmu

Iċ-ċikliżmu għandu jkollu rwol ewlieni fit-titjib tal-konnettività multimodali u t-turiżmu, speċjalment flimkien mal-ferroviji, ix-xarabanks u modi oħra, kemm fiż-żoni urbani kif ukoll f'dawk rurali.

Nimpenjaw ruĥna biex:

30. nippromwovu u nimplimentaw soluzzjonijiet multimodali f'żoni urbani, suburbani u rurali, kif ukoll għal vjaġġi fuq distanzi twal, billi noħolqu aktar sinerġiji bejn iċ-ċikliżmu u modi oħra ta' trasport, bħal li niffaċilitaw it-trasport ta' aktar roti fuq ix-xarabanks u l-ferroviji, u nipprovdu żoni ta' parkeġġ aktar sikuri u siguri għar-roti fl-istazzjonijiet u ċ-ċentri ta' mobbiltà;
31. nappoġġaw l-iskemi ta' kondiviżjoni tar-roti bħala soluzzjoni għall-aċċess tal-ewwel u tal-aħħar mil għas-servizzi tat-trasport pubbliku;
32. noħolqu kundizzjonijiet favorevoli għall-appoġġ taċ-ċikliżmu bħala mezz sostenibbli ta' rikreazzjoni u turiżmu.

Kapitolu VIII: It-titjib tal-ġbir tad-data dwar iċ-ċikliżmu

Id-data dwar iċ-ċikliżmu jeħtieġ li tinġabar bl-istess mod madwar l-UE biex jiġi żgurat monitoraġġ effettiv tal-progress dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipji u l-impenji inklużi f'din id-Dikjarazzjoni.

Nimpenjaw ruĥna biex:

33. nimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-impenji tagħna;

34. nippermettu l-kejl kontinwu tal-progress dwar l-użu taċ-ċikliżmu fl-UE billi tiġi stabbilita linja bażi madwar l-UE, inklużi t-tul, id-densità tan-network, il-kwalità u l-aċċessibbiltà tal-infrastruttura u tas-servizzi taċ-ċikliżmu għal diversi tipi ta' utenti, is-sehem taċ-ċikliżmu fl-attività totali tat-trasport u tal-mobbiltà, u l-għadd ta' korrimenti u fatalitajiet serji fost iċ-ċiklisti;
35. niżviluppaw indikaturi armonizzati relatati maċ-ċikliżmu għan-nodi urbani tan-Network Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T);
36. niżviluppaw statistika dwar iċ-ċikliżmu u l-infrastruttura tiegħu fil-livelli lokali, nazzjonali u tal-UE, inkluża l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Eurostat biex tinġabar *data* dwar iċ-ċikliżmu.